MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Numru 130/2005

PULIZIJA
SPETTUR JOHAN FENECH
VS
JOSEPH ZAHRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Zahra, ta’ 51 sena, data tat-twelid 6 ta’ April 1953, iben Joseph u Anna Nee’ Cutajar, imwieled Birzebbugia u residenti ‘Officer’s Miss’, House 2, Block 5, Triq Halfar, Zurrieq. Detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 293553(M)

U akkuzat talli fis-6 ta’ Jannar 2004, fi xuhur ta’ qabel ikkommetta serq ta’ senter ta’ ghamla Breda numru 161618 tad-danni ta’ Paul Grech, f’San Gwann u oggetti ohra minn go kamra f’ghalqa z-Zurrieq. Li l-valur tas-serq huwa ta’ aktar minn Lm10 izda ta’ anqas minn Lm100 li huwa aggravat.

Akkuzat ukoll talli, fl-istess perijodu, xjentement laqa' ghandu, hwejjeg misruqa jew mehudha b'qerq jew akkuzati b'rejat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibighhom jew immexihom minn go kamra f'ghalqa, fiz-Zurrieq ghad-dannu ta' Paul Grech minn San Gwann.

Akkuzat ukoll talli, fis-6 ta' Jannar, 2004, ghal habta ta' 13:45 f'Halfar volontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAN 875 tal-marka Fiat Punto, liema hsara teccedi il-hamsin lira (Lm50) imma ma teccedix il-hames mitt lira (Lm500), u dana ghad-dannu ta' Ann Marie Zahra miz-Zurrieq.

Akkuzat ukoll talli, fl-istess perijodu, kellu fil-pusess tieghu senter tal-marka Breda bin-numru tar-registrazzjoni 161618 minghajr licenzja jew bl-ordni tal-pulizija.

Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, ghal habta tas-6:00am fi Triq Halfar, f'Birzebbugia, heddet b'arma tan-nar, senter, lil Mario Zahra minn Birzebbugia.

Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, u lok, ghal habta ta' 13:45 heddet bil-kliem lil Ann Marie Zahra, miz-Zurrieq.

Akkuzat ukoll, talli sar ricediv b'diversi sentenzi l-Qorti Kriminal ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali. (ara xhieda a fol.2) u dak ta' l-imputat (a fol.61 tal-process) sabiex il-kas jigi trattat bil-procedura sommarja

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

L-Ispettur  Johan Fenech (ara a fol.72 et seq.), ezebixxa arma tal-marka Breda bin-numru serjali ta' 161618, u

jinforma lil Qorti li din l-arma kienet giet konsenjata lilu minn Joseph Zahra Junior u giet ezebita bhala Dok.JJX. u ircevuta ghall-istess arma li giet ezebita wkoll bhala Dok.JJX1 li tinstghab a fol.72 tal-process)

PS808 Nazzarenu Sammut, xehed illi huwa kellu rapport minn iben l-imputat, u cioe Mario Zahra fis-6 ta' Jannar 2004, li kien akkompanjat minn huh Joseph Zahra Junior li kellhom xi argument ma' missierhom l-imputat, u li dan kien qabad is-senter ghalihom.

PS808 Sammut, xehed illi huwa mar biex jinterroga lill-imputat u dan cahad kollox, anzi wera lis-Surgent Sammut xi qafas ta' gageg ta' ghasafar imkissrin u xi daqqiet fuq il-van. Meta rega mar ikellem lil ulied l-imputat, wiehed minnhom kien infurmah illi sahansitra missierhom l-imputat kellu s-senter f'idejh u li hu gibed dan is-senter minn idejn l-imputat. Dan kien l-istess senter li bih huma kienu gew meghdda.

Surgent Sammut xehed illi Joseph Zahra Junior infurmah:

"Tant heddidna bis-senter illi jiena qbizt fuqu u hadtulu minn idejh is-senter." (ara xhieda a fol.75)

Filfatt Joseph Zahra Jr. fuq istruzzjonijiet tal-pulizija kien ikkonsenja dan is-senter f'idejn is-Surgent. Ir-rapporti gew ezebiti bhala XPS1 u XPS2. Is-Surgent Sammut ikkonferma wkoll is-seizure note rigwardanti s-senter tal-marka Breda u l-firma tieghu u ta' Joseph Zahra Junior.

WPC191 Maria Borg (a fol. 82) infurmat lil Qorti illi l-arma Breda serial number 161618 kienet licenzjata fuq sidha certu Paul Grech detentur tal-Karta ta' l-Identita 439060(M) minn San Gwann, liema licenzja giet ezebita bhala Dok.WPC. WPC Borg xehdet ukoll illi fin-1998, din l-arma giet irrapurtata misruqha mill-Imsida. Infurmat lil Qorti wkoll bir-ricerka li kienet ghamlet rigward licenzji ta' l-imputat, u stqarret li filfatt l-imputat, Joseph Zahra, ma' ghandu ebda licenzja biex izomm jew igorr xi arma tan-nar.

Paul Grech (a fol.85) xehed illi huwa kellu senter Breda Automatic, u kkonferma l-licenzja tieghu ezebita in atti, u kkonferma wkoll illi ghaxar snin qabel kien ghamel rapport li kien insteraqqlu dan is-senter. Paul Grech xehed illi meta mar fil-post fejn kien izomm l-arma sab illi l-bieb kien sgassat. Paul Grech xehed illi ricentement il-pulizija kienu baghtu ghalih u qalulu illi kienu sabu l-arma. Muri s-senter Breda serial number 161618 ezebiet bhala Dok.JJX komplut bil-cover. Paul Grech gharaf din l-arma bhala tieghu mid-dettalji illi xehed dwarhom a fol.87 tal-process.

Ann Marie Zahra rtirat il-kwerela illi ghamlet kontra missiera. (a fol.90)

Margaret Zahra (a fol.92) giet mistoqsija fuq i-tgheddid ta' parti ta l-imputat fuq it-tfal tieghu, xehedet:

“Mhux dejjem hekk kienet hajtu. Jhedded u jirrikatta.”

Margaret Zahra pero' kkonfermat illi hija ma kinitx prezenti meta gara dan l-incident, u lanqas ma kienet prezenti dwar xi theddid li seta' sar fil-konfront tat-tifla taghha, Ann Marie Zahra.

Ann Marie Zahra (a fol.94) irtirat il-kwerela taghha ghal rigward tad-tgheddid bil-kliem ta' parti tal-papa taghha, l-imputat.

Spettur Johan Fenech (a fol.102) ezebixxa tmien (8) sentenzi Dok.JF1 sa JF8 fil-konfront ta' l-imputat, u d-difiza (a fol.101) ezentat il-prosekuzzjoni milli tipproduci x-xhieda ta' l-identita' dwar is-sentenzi ezebiti u l-imputat accetta s-sentenzi indikati bhala gudikat fil-konfront tieghu.

L-imputat, Joseph Zahra, (a fol.127 et seq.), xehed illi ma kellu xejn xi jghid dwar is-senter ghaliex huwa lanqas biss jaf lil Paul Grech u s-senter ma jafx minn fejn gie. Stqarr ukoll li s-senter tal-marka Breda qatt ma kien fil-pusess tieghu u li l-pulizija qatt ma gew ghandu u li qatt ma sabu xi snieter. Rigward il-vettura GAM 875 Fiat Punto, l-imputat stqarr li din kienet tat-tifla tieghu, u li t-tifla tieghu

kienet "Waqqat kollox.", b'referenza ghal kwerela. Ghar-rigward ta dak li seta' kellu mat-tfal tieghu l-ohra, l-imputat xehed illi seta' kellhom xi jghidu imma; "Mhux argument ta' qtil ta" (ara xhieda a fol.129) "Izda", "Forsi kien argument ta' sahna ta' dak il-hin imbghad nerga…" (ara xhieda a fol.129). L-imputat ma ftakarx illi kien hemm argument fis-6 ta' Jannar 2004, bejnu u bejn uliedu u ma jaf xejn dwar l-arma li kellu f'idejh, Mario Zahra, ibnu. Rigward ta' l-argument li inqghala l-ghassa tal-pulizija, sussegwentement ghar-rapporti illi saru fis-6 ta' Jannar, u li s-subien tieghu, Joseph u Mario Zahra, li sahansitra hebew ghal missierhom, l-imputat, fl-ghassa tal-pulizija, l-imputat xehed (a fol.130) "Jiena ghat-tfal ma ghandi xejn Sur Magistrat. Jekk hemm xi haga jiena lest li nahfrilhom."

Ikkonsidrat:

Illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni, f'dan il-kas tikkonsisti

Fil-produzzjoni ta' l-arma ezebita bhala Dok.JJX (tal-marka Breda serial number 161618) illi tirrizulta illi kienet propjeta' ta' Paul Grech u li kienet misruqa xi ghaxar snin qabel l-incident indikat fl-akkuza u l-okkorrenzi u r-rapporti dwar dak illi kienu qalu lill-pulizija, iz-zewg subien ta' l-imputat, cioe Mario u Joseph Zahra. Dawn iz-zewg xhieda ghazlu illi ma jixhdux kontra missierhom, kif ghazlet ukoll li ma tixhedtx kontra missierha, bintu, Ann Marie Zahra ghar-rigward il-hsarat fuq il-vettura taghha, Fiat Punto.

Ghar-rigward ta' l-akkuza ta' serq tas-senter mertu ta' din l-akkuza, u t-tieni akkuza, cioe ta' ricettazzjoni, din il-Qorti taghraf illi l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell probatorju illi trid u li tirrekjedi l-Ligi Kriminali, u ma provatx il-kas taghha bla dubbju dettat mir-raguni. Dan qieghed jinghad il-ghaliex, ghal rigward tal-akkuza ta' serq ta' senter il-prosekuzzjoni naqqsu illi jgibu xaghra ta' prova illi kien l-imputat illi seraq dan is-senter mill-propjeta' ta' Paul Grech, fiz-Zurrieq fin-1998.

Ghar-rigward ta' l-akkuza tar-ricettazzjoni l-prosekuzzjoni, bl-istess mod, naqqset illi tipprova l-element kardinali tax-xjenza ta' provenjenza illecita' da parti ta' l-imputat.

Illi fil-kas, in ezami, sikkome s-serqa ta’ dan is-senter sehhet fin-1998, u l-imputat gie akkuzat fit-2004, certament ma japplikawx ir-regoli tar-‘recent possession’.

Ghar-rigward tar-raba akkuza l-Qorti tifhem li din giet ippruvatha skond il-ligi: hemm ix-xhieda tal-pulizija li kellmu lil Mario u lil Joseph Zahra dwar l-argumenti kbar u glied li kien hemm bejnhom u missierom u li kien sahansitra wiehed mit-tfal tieghu stess, illi kkonsenja l-arma f’idejn il-pulizija. Il-pulizija ezebit il-licenza ta’ l-istess arma li kienet f’isem Paul Grech, propjetarju ta’ l-istess arma, apparti li ezebiet l-okkorenza ta’ l-incident (a fol.78) Dok.XPS1 u XPS2.

Din il-Qorti ma ssib ebda kredibillita’ f’dak illi xehed l-imputat meta jghid illi ma jafx xejn dwar din l-arma.

Illi ghar-rigward tat-tielet akkuza, l-Qorti taghraf illi lil Ann Marie Zahra ghazlet illi ma tixhedtx kontra missiera u ma kienet qed tipretendi xejn minghandu.

Ghar-rigward tal-hames akkuza, li cioe l-akkuza tat-theddida b’arma fil-konfront Mario Zahra, din il-Qorti taghraf illi fin-nuqqas ta’ xhieda ta’ uliedu, u cioe Mario u Joseph Zahra, ebda Qorti ma tista ssib htija fl-imputat.

Ghar-rigward tas-sitt akkuza, cioe theddid bi kliem fuq Ann Marie Zahra, Ann Marie Zahra ghazlet illi tirrinunzja ghal kwerela.

Fil-konfront ta’ l-ahhar akkuza, l-Qorti tara illi din l-akkuza hija ppruvata skond il-Ligi. Gew ezebiti diversi sentenzi, u cioe, Dok.JF1 sa JF8 u l-Qorti rat il-verbal tad-difiza li ezenta l-prosekuzzjoni tax-xhieda ta’ l-identita’ ta’ l-istess sentenzi.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati ta’ l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza, li minhom qed tilliberah. In oltre l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit ghal dak illi jirrigwarda t-tielet akuza izda ssib lill-imputat hati tar-raba’ akkuza, mhux hati tal-hames akkuza li

minnha tilliberah waqt illi tiddikjara illi ghal rigward tas-sitt akkuza, il-procediment hu ezawrit; in oltre issib lill-imputat hati tas-seba' akkuza u wara li rat l-Artiklu 3 u 4 tal-Kap.480, li ssosstitwit Kap.66 tal-Ligijiet tal-Malta, Artiklu 49 u 50 tal-Kap.9, tikkundanna lill-imputat ghal xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------